**3 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A. LL.D. A. R. Hist. S.**

Av. Dott. Henry Mamo

*versus*

Joseph Zammit *noe*

**Kambjali - Firma ta' Direttur Wieħed - Ħtieġa o meno ta' Firem ta' Żewġ Diretturi skond l-"*Articles of Association*" - Ratifikata ta' Obbligazzjoni**

*Għalkemm l-iffirmar tal-kambjali mertu tal-kawża kien imur kontra l-"articles of association" tas-soċjetà konvenuta b'danakollu ż-żewġ diretturi kienu aċċettaw il-validità tal-kambjali u aċċettawhom għan-nom tas-soċjetà. Ratifika ta' obbligazzjoni tista' ssir taċitament bl-esekuzzjoni volontarja tagħha jew b'xi att ieħor li juri l-intenzjoni li jingħata effett għall-obbligazzjoni.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li s-soċjetà konvenut hija debitriċi tal-attur nomine fis-somma ta' wieħed u tmenin elf lira (Lm81,000) import ta' sebgħa u sittin kambjali aċċettati mis-soċjetà konvenuta favur is-soċjetà *Eurowear Clothing Industry Limited* u din ta' l-aħħar iġġirathom favur l-attur *nomine*, liema kambjali skadew mill-15 ta' Marzu, 1985 sal-25 ta' Marzu, 1986 u hawn esebiti bħala dokumenti 1 sa 67 u għadhom ma' tħallsux;

Talab għalhekk l-attur nomine lil din il-Qorti dispensat is-smiegħ tal-kawża skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u in vista tad-deposizzjoni ġuramentata tal-attur *nomine*:

1. tikkundanna lill-konvenut nomine li jħallas lill-attur nomine s-somma ta' wieħed u tmenin elf lira (Lm81,000) import ta' kambjali li skadew, u li ma ġewx imħallsa;

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid tal-lum stess u bl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija kambjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zammit fil-kwalità tiegħu premessa fejn eċċepixxa bir-rispett:

1. Preliminarjament l-attur għandu jipprova l-mandat tiegħu;

2. Fit-tieni lok l-ammont pretiż m'huwiex dovut;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat li fl-ewwel lok jiġi rilevat li fil-mori tal-kawża l-attur nomine ippreżenta u esebixxa estratt mill-minuti ta' board meeting tad-Diretturi tal-Bank, attur f'din il-kawża, datat t-30 ta' Ottubru 1986 (Dok. HM1 a fol. 152 tal-proċess) in forza ta' liema l-attur nomine ġie awtorizzat jaġixxi fi proċeduri ġudizzjarji f'isem u in rappresentanza tal-*Mid-Med Bank Limited.* Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari, sollevata mill-konvenuti nomine qegħda tiġi respinta;

Niġu issa għall-mertu tal-kawża kif impostat bit-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti nomine li tgħid illi l-ammont pretiż m'huwiex dovut billi skond huma l-istess kambjali ma għandhom l-ebda validità u dan billi jirriżulta li dawn li kambjali ġew iffirmati minn direttur wieħed biss tas-soċjetà konvenuta kontra d-dispożittiv tal-art. 5 tal-*Articles of Association* li jesiġi firem taż-żewġ diretturi (ara dok. Xx a fol 142 *et sequitur* tal-proċess);

Kif elabora l-attur nomine fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu (fol 196-8) is-soċjetà *Quantum Limited* ġiet formata

fil-1983 b'żewġ azzjonisti li kienu allura l-uniċi żewġ diretturi tagħha u ċjoè, Joseph Zammit u John Zammit. Fl-1986 inħatru bħala diretturi wkoll Walter Zammit u Alexander Zammit. Il-kambjali **de quo** ġew aċċettati kollha fiż-żmien meta d-diretturi kienu għadhom biss Joseph u John Zammit u ċjoè bejn 1 ta' Awissu 1984 u t-22 ta' Marzu 1985. Il-kambjali inħarġu mis-soċjetà *Eurowear Limited* u dawn, ġew aċċettati mill-*Quantum Limited* u in segwitu ġew ġirati favur l-attur nomine. Jirriżulta li dawn is-67 kambjala, kollha ġew iffirmati minn direttur wieħed biss, qatt minn tnejn;

L-attur nomine esebixxa kopja notarizzata ta' 22 protest li saru fuq dawk il-kambjali (Dok. A). Minn dawn jirriżulta (apparti mix-xhieda tal-istess Joseph Zammit) li l-istess Joseph Zammit ammetta li l-ammont kien rejalment dovut u li kien eventwalment ser jitħallas. Dawn il-kambjali enumerati 35, 37 sa 41 u 44 sa 51, 56, 58 sa 63 u 65 kellhom il-firma ta' John Zammit. Per kontro, il-kambjali l-oħra, iġifieri 1, 3, 54, 55, 57 u 64 kellhom biss il-firma ta' Joseph Zammit. L-unika prova dwar dawn is-sitt (6) kambjali huma li tassew kienu ġew firmati minn Joseph Zammit;

Mill-provi miġbura u dokumenti esebiti jirriżulta evidenti li għalhekk l-iffirmar tal-kambjali kien imur kontra l-"*Articles of Association*" tas-soċjetà konvenuta, b'danakollu ma jistax jingħad li d-diretturi ma kenux pjenament konsapevoli ta' dak li kien qiegħed iseħħ. Fil-fatt il-maġġor parti tal-kambjali kollha, barra sitta, ġew ffirmati minn direttur wieħed u ammessi wara protest mid-direttur l-ieħor. Dana l-istess direttur imbagħad u ċjoè Joseph Zammit li ammetta man-nutar Pierre Attard li kienu dovuta tassew il-kambjali skaduti u li kellhom jitħallsu fi żmien

qasir, kien il-firmatarju tas-sitt kambjali l-oħra. Dan ifisser li ż-żewġ ex-diretturi, billi in segwitu u fil-mori tal-kawża kienu irriżenjaw, kienu aċċettaw il-validità tal-kambjali u aċċettawhom għan-nom tas-soċjetà - provi ta' intenzjoni kolleġġjali għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Diversament ikun ifisser li l-operat tal-imsemmija diretturi kien manifestament frawdolenti. Skond l-artikolu **1229** tal-Kodiċi Ċivili, it-twettiq jew ir-ratifika jistgħu jsiru taċitament bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni jew b'xi att ieħor li juri l-intenzjoni li jingħata effett għall-obbligazzjoni. Ovvjament jekk fir-relazzjonijiet interni ta' bejn is-soċjetà konvenuta u l-imsemmija ex-żewġ diretturi kien hemm operat li jmur kontra r-regolamenti interni tal-istess soċjetà, allura dan ifisser li l-istess soċjetà konvenuta jista' jkollha dritt ta' azzjoni kontrihom personalment. Min-naħa l-oħra però ma għandhomx jiġu preġudikati drittijiet ta' terzi taħt ċirkostanzi bħal dawk fuq imsemmija;

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba prinċipali kontra s-soċjetà konvenuta kif rappreżentata fl-ammont mitlub bl-ispejjeż ġudizzjarji kontriha u bl-interessi legali kif mitlub sal-pagament effettiv.